**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Gunju 2019**

**Talba Nru: 16/19 CZ**

**David Pace (ID 475573 (M)**

**vs.**

**Josephine Galea (ID 594259(M) u Charlton Galea (ID 0050399(M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur imressqa fl-1 ta' Frar 2019 li biha premetta:

1. Illi r-rikorrenti dahal f'negozju mad-defunt David Galea li huwa r-ragel u missier il-konvenuti, liema negozju kien jinvolvi l-bejgh u x-xiri ta' vettura tal-marka Mercedes 124 ta' lewn iswed li kellha l-'Y' plate liema ammont thallas bhala depozitu fuq l-isetss vettura sakemm id-defunt David Galea jeffettwa l-arrangament mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

2. Illi l-ammont imhallas ta' €2,000 kien jifforma parti minn somma akbar ta' €3,000 liema bilanc ta' €1,000 kellu jghaddi mat-trasferiment tal-istess vettura [sic].
3. Illi l-istess vettura kienet tinzamm f'parkegg li hemm faccata tal-fond tal-konvenuti, l-istess fond fejn kien jirrisjedu d-defunt.
4. Illi l-intimata Jopspehine Galea ghalkemm giet interpellata diversi drabi anke b'ittra ufficcjali tas-sebgha (7) ta' Jannar 2019 hawn annessa u mmarkat bhala Dok. A sabiex tersaq ghall-hlas tad-depozitu moghti lid-defunt zewgha u cioe' ghal elfejn Euro (€2,000), hija baqghet inadempjenti.
5. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment lir-rikorrenti.
6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob ghar-ragunijiet premessi, lil dana l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli sabiex ihallsu lura l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) li nghata bhala depozitu lid-defunt David Galea fuq l-istess vettura kif sovra indikata.
2. Tikkundanna lilhom jew min minnhom ghall-hlas tad-depozitu.
3. Tikkundannahom sabiex jirrifondu lura l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) li nghata bhala depozitu lid-defunt David Galea fuq l-istess vettura kif sovra indikata.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali datata 7 ta' Jannar 2019 flimkien mal-mandati ta' sekwestru tas-7 ta' Jannar 2019 kontra l-intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-5 ta' Marzu 2019 li permezz taghha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok dawn it-talbiet attrici huma improponibbli u intempestivi stante li fil-mument li giet intavolata din l-azzjoni, il-konvenuti ghad ma humiex ufficcjalment il-werrieta tad-defunt David Galea. Illi David Galea, ir-ragel u l-missier tal-esponenti rispettivament, gie nieqes nhar it-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), u sal-mument tal-prezentata ta' din ir-risposta, l-esponenti ma jafux jekk attwalment gewx nominate bhala l-eredi tieghu. Illi ghaldaqstant, fil-mument, il-konvenut ma jistghux jitqiesu bhala l-legittimi kontraditturi u fuq din il-bazi biss, salv eccezzjonijiet ulterjuri u sussidjarji, it-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-attur.
2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti jiddikjaraw illi ma humiex edotti mill-fatti allegati mill-attur, u ghaldaqstant jinkombi fuq l-attur lil jipprova li attwalment sehh dan il-ftehim bejn u bejn id-defunt David Galea. Illi di piu', l-esponenti lanqas ma huma edotti dwar l-allegat hlas ta' 'depozitu' fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) lid-defunt David Galea.
3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju, jekk dejjem l-attur jipprova fil-grad rikjest mil-ligi li kien hemm dan il-ftehim, mill-premessi tal-attur jidher li dan l-allegat ftehim kien jittratta weghda ta' bejgh u xiri u konsegwentement l-attur ma kellu l-ebda jedd fil-ligi li jaqbad u jiddeciedi unilateralment u arbitrarjament li johrog minn din il-weghda ta' xiri, filwaqt li jitlob lura l-allegat 'depozitu' li gie allegatament mghoddi lil David Galea. L-esponenti jiddikjaraw li huma fl-ebda hin u fl-ebda moment wara l-mewt ta' David Galea ma gew b'xi mod mitluba jew interpellati sabiex iwettqu din l-allegata weghda ta' bejgh u xiri, u cioe' sabiex jittrasferixxu l-vettura tall-marka Mercedes 124, bin-numru tar-registrazzjoni LGY 180. Illi di piu' jekk huwa minnu li sehh dan l-allegat ftehim, meta jigi stabbilit illi l-esponenti huma ufficjalment l-eredi tad-defunt David Galea, l-esponenti jiddikjaraw li hma lesti li jirrispettaw din l-allegata weghda ta' bejgh u xiri u jittasferixxu l-vettura in kwestjoni lill-attur skond il-patti u kundizzjonijiet ta' dan l-allegat ftehim. Illi ghaldaqstant jirrizulta manifestament li din l-azzjoni odjerna hija intempestiva, u l-konvenuti ma ghandhomx jehlu l-ispejjez ta' din il-kawza.
4. Illi l-mandat ta' sekwestru numru 18/19 u l-mandat ta' qbid Nru. 17/19 MG inhargu b'mod abbuziv stante li l-konvenuti qatt ma gew interpellati qabel

mill-attur. Konsegwentement il-konvenuti jzommu ferm id-dritt kontra l-attur ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni fil-konfront tal-attur.

5. Ghaldaqstant u in vista tas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-attur.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'digriet tat-8 t'April 2019, it-Tribunal iddikjara l-provi tal-attur maghluqa u dan wara li naqas li jipprezenta provi fis-seduta ffissata ghal dan il-ghan, u addirittura naqas li jattendi ghal dik is-seduta.

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019 l-avukat difensur tal-konvenut prezenta nota b'dokument u ghadda kopja tal-istess lill-avukat difensur tal-attur.

Sema' x-xiehda tal-**<u>konvenuta Josephine Galea</u>**[1], li qalet li meta zewgha d-defunt David Galea kien jaghmel xi negozju dejjem kien 'ihazzez bicca karta', u ma sabet l-ebda skrittura li tiddokumenta l-ftehim li qed jallega l-attur. Qabel ma saru l-mandati, l-attur qatt ma talabha tersaq ghall-bejgh tal-vettura in kwestjoni. Zewgha miet fit-30 ta' Dicembru 2018, u l-karozza issa kienet tinsab gewwa garaxx peress li ghalqitilha l-licenzja.

[1] Fol. 17

Xehed ukoll **<u>il-konvenut Charlton Galea</u>** li pprezenta ritratt tal-vettura in kwestjoni.

Ra illi l-attur ma ressaq l-ebda provi.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur tal-konvenuti.

Ikkunsidra:

Illi l-attur qed jitlob lura depozitu li huwa allegatament ghamel ghall-bejgh ta' vettura li kien fi hsiebu jixtri minghand David Galea, zewg u missier il-konvenuti odjerni.

Illi l-istess David Galea miet fit-30 ta' Dicembru 2018, u ghalhekk din il-kawza nbdiet inqas minn xahar wara l-mewt tal-istess. Iktar minn hekk il-mandati ta' sekwestru u ta' qbid saru fis-7 ta' Jannar 2019, u cioe' sebat'ijiem biss wara li l-imsemmi David Galea gie nieqes. Dan ifisser illi wara ftit jiem mill-mewt ta' David Galea, l-attur kien diga' qed juza l-forzi kollha li taghti l-ligi, addirittura b'zewg mandati kawtelatorji differenti, kontra persuni li kien ghadu lanqas gie stabbilit jekk humiex il-werrieta tal-istess David Galea, tant illi probabbilment lanqas certifikat tal-mewt ma kien lahaq hareg, kunsidrat li l-istess Galea kien ilu nieqes biss ghal ftit jiem.

Illi dan kollu qed jinghad anke in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti (intempestivita') u li skond it-Tribunal hija fondata, ghaliex sahansitra matul il-

proceduri l-attur ma gab l-ebda prova illi l-konvenuti huma l-werrieta tal-istess David Galea. Sabiex ikun inghad kollox, ma gab l-ebda prova kwalsiasi, u allura hela l-hin ta' dan it-Tribunal b'kawza li ddecieda li ma jsegwix u ma jissostanzjax.

Illi in vista tan-nuqqas ta' provi totali tal-attur, it-Tribunal jikkonsidra illi l-allegazzjoni tal-attur ma gietx pruvata u ghaldaqstant ser jichad it-talbiet minnu maghmula.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u in vista ta' dan, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra, u konsegwentement jichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-attur.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur